MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 64/2008

Tarcisio Cremona

vs

Emanuel Cremona

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' l-attur, li permezz tiegħu, wara li ppremetta illi:

1. Illi l-esponenti huwa proprjetarju, u fil-pussess ta' proprjeta f'Marsalforn Street, Xagħra Għawdex, konsistenti f'yard imdaqqsa magħluqa madwar għoxrin pied faċċata b'sittin pied lura. Wara l-yard għadu bitħa għal fuq is-sies ta' madwar għoxrin pied faċċata u għaxar piedi lura. Taħt din il-yard, għandu basement żgħir ta' madwar ħmistax-il pied b'dsatax-il pied. Fuq wara tal-basement, għandu biċċa blat illi tissepara l-fond mill-irdum;

2. Illi f'xi jiem wara l-ewwel ta' Mejju 2008, il-konvenut jew xi ħadd inkarigat minnu fforma passaġġ fuq il-parti blat illi tiġi wara l-fond kollu u għamel ċint fl-istess proprjeta';

3. Illi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin da parti tal-konvenuti għad-danni tal-esponenti.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi int ikkommettejt spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-attur meta f'xi ġurnata illi tiġi wara l-ewwel ta' Mejju 2008 int jew xi ħadd imqabbad minnek ifformajt passaġġ fuq il-parti blat illi hemm wara l-fond tar-rikorrenti, iżda formanti parti mill-proprjeta' tal-istess rikorrenti u fil-pussess tiegħu, u bnejt ċint fl-istess proprjeta';

2. Tikkundannak sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jiġi prefiss int tirreintegra lill-attur fil-pussess pien tal-imsemmija art billi tneħħi l-passaġġ ifformat minnek, tneħħi ċ-ċint mibni minnek u tirripristina l-art għall-istat oriġinali tagħha.

3. Fin-nuqqas illi int teżegwixxi x-xogħlijiet fiż-żmien konċess lilek, tawtorizza lill-attur sabiex jagħmel dawn ix-xogħlijiet hu a spejjeż tiegħek, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit nominand.

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa int inġunt.

Bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-attur kontra tiegħek.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Illi ma huwiex minnu li l-konvenut ikkommetta xi spoll kif jingħad fir-rikors ġuramentat. La l-konvenut u lanqas ħadd inkarigat minnu ma għamel ix-

xogħlijiet imsemmija fir-rikors ġuramentat. Qatt ma ġew iffurmati xi passaġġi ġodda kif jingħad fir-rikors u qatt ma sar xi ċint mill-konvenut Emanuel Cremona .

2. Illi mingħajr preġudizzju għal dan ma jeżistux l-elementi ta' l-ispoll; la l-element tal-pussess, la jirriżulta l-element ta' l-att turbattiv u lanqas l-element taż-żmien. Għalhekk din il-kawża ma tistax tirnexxi, fin-nuqqas ta' dawn l-estremi rigorużi ta' l-ispoll.

3. Illi din il-kawża ma hija xejn għajr waħda frivola u vessatorjaq, motivata minn għira u pika.

4. Din ir-risposta qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn Emanuel Cremona li għandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża .

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Jannar 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' spoll. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jingħad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża1l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-*

*dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Ċivili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi);…..".*[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-Qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

---

[1] Margheita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla : 12.4.1958 vol. XLII.. II. 975 .

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII.I.86 .

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus"****. Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio,compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk jeżistux dawn it-tliet elementi fil-każ in eżami. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-attur qed jilmenta għax il-konvenut ifforma passaġġ u bena ċint fuq xi blat allegatament formanti parti mill-proprjeta' tiegħu u fil-pussess tiegħu wkoll. Bħala fatt ma ġiex kontestat mill-konvenut illi kien hu stess illi, fl-okkażżjoni li kellu jinżamm aċċess mill-perit tekniku u l-assistant ġudizzjarju nominati f'kawża oħra bejn il-kontendenti, naddaf dan il-blat mill-ħafna ħaxix ħażin li kien hemm, sabiex jirrendi l-inħawi iżjed aċċessibbli. Anzi jgħid li dan sar wara li l-avukat tiegħu qallu biex jagħmel hekk xi ġranet qabel ma kellu jsir dan l-aċċess fil-bidu ta' Mejju 2008. Il-konvenut pero' jikkontesta l-pretensjoni ta' l-attur illi huwa kellu l-pussess jew detenzjoni kif trid il-liġi fi ħwejjeġ simili sabiex ikun jista' jingħad illi huwa ġie disturbat f'dan il-pussess, u wisq inqas li l-atti minnu magħmula kienu jikkostitwixxu xi spoll li jintitola lill-attur għar-reintegrazzjoni.

Dwar l-ewwel element, indikat hawn fuq, li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad:

"*Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espressjoni wżata mill-liġi –"***possession of whatever kind***" – dak li jinteressana f'dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili*

[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta. ed. 1902 Torino, para.271 .

*kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż; imma pero' teżiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*."[4]

Huwa ferm pertinenti x'jgħid l-awtur taljan ġia ċitat f'dan ir-rigward:

"*Giusta la definizione, che l'articolo 685 ne da' del possesso, questo puo' cadere tanto sulle cose corporali, quanto sulle incorporali…; nel primo caso, esso si presenta sotto la forma della detenzione di una cosa; nel secondo, sotto l'aspetto del godimento di un diritto che si esercita. Ma in entrambi i casi, a costituire il possesso sono necessari due elementi: il corpo e l'animo; cioe' il fatto esteriore della detenzione della cosa o dell'esercizio del diritto; l'animo, ossia la volonta' del possessore di possedere per se'.*

*Questa volonta', quest'animo, secondo la nozione odierna del possesso, occorre in diversi modi, secondo che si tratti – del possesso legittimo, tutelato dall'azione di manutenzione – o del possesso semplice, garantito soltanto con l'azione di reintegrazione - : pel primo e' necessario l'animus domini, val quanto dire la volonta' di ritenere la cosa come propria, di esercitare il diritto come proprio: pel secondo, basta l'animo nel possessore di tenere la cosa o l'esercizio del diritto per se', independentemente da ogni pretesa sulla proprieta' della cosa, sulla spettanza del diritto che di fatto si esercita."*[5]

L-attur spjega kif ix-xogħhol ilmentat sar fuq biċċa blata tiegħu formanti parti minn sies li kien jiġi wara l-bini li huwa għandu fl-indirizz indikat fir-Rikors Ġuramentat. Biż-żmien dan il-blat ittiekel u partijiet minnu waqgħu 'l isfel, imma l-attur isostni li l-ispazju qabel okkupat b'dan il-blat baqa' tiegħu u għalhekk il-konvenut ma kellu ebda jedd jidħol u jwettaq dawn ix-xogħlijiet fi ħwejjġu. Mistoqsi pero'

[4] Fenech vs Zammit gia citata .
[5] op. cit. Footnote pag. 255 – 256 .

l-parti tas-sies li waqgħet ta' min kienet, l-attur wieġeb li din kienet " *jew ta' Mario Xuereb, parti Mario Xuereb u parti jiġi wara Manwel Cremona*." Ammetta wkoll li b' dak li għamel il-konvenut " … ġ*ie kkreat passaġġ minn fuq ir-riħ tal-proprjeta' fil-pussess tiegħi (*u għalhekk mhux fi ħwejjġu*) meta tali passaġġ qatt ma kien hemm*" u li dik il-biċċa art "*ma nużaha għal xejn qatt*." [6]

F'tali ċirkostanzi daqstant ekwivoċi, u fejn il-konvenut jinsisti anzi li t-tindif sar f'biċċa art formanti parti mill-proprjeta' tiegħu u li kienet f'idejh ukoll, ma jistax jingħad illi l-attur irnexxielu jipprova fil-grad ta' ċertezza meħtieġ fil-kamp ċivili li kellu l-pussess li trid il-liġi f'każijiet simili. Ikun għalhekk superfluwu li jiġu ndagati ż-żewġ elementi l-oħra meħtieġa f'kawża ta' spoll.

Għal dawn il-motivi, peress illi jonqos ta' l-inqas wieħed mill-elementi meħtieġa mill-liġi sabiex tirnexxi kawża bħal din, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] ara kontro-ezami ta' l-attur a fol. 36 - 43 tal-process .